**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum Hamis 27 ta` April 2017**

**Kawza Nru. 6**
**Rik. Gur. Nru. 1125/16 JZM**

**Philip sive Pinu Azzopardi**

***kontra***

**Rosina Cassar ; Raphael Scerri ; Maria Debono ; Silvia Zammit**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fl-14 ta` Dicembru 2016 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-intimati intavolaw mandat ta` inibizzjoni Numru 155/11 JZM kontra r-rikorrent li bih gie inibit milli jkollu access ghall-assi ereditarji tad-decujus Salvatore Zammit (KI 159028M), kif ukoll kawza Numru 55/2011 JA fejn qeghdin jattakkaw il-validita` ta` testment.*

*2. Illi għalhekk, fuq talba tal-intimati, liema talba giet milqugha mill-Qorti l-esponenti ma jistax jipprocedi bid-dikjarazzjoni causa mortis u de facto huwa qieghed jehel il-multi u penali, hekk kif jirrizulta fil-ligi, u dan minghajr pregudizzju ghat-telf ta` uzu u negozju derivanti minn tali immobbli.*

*3. Illi ghalhekk, sabiex jikkawtela l-pozizzjoni tieghu, fil-5 ta` Settembru 2016 Philip sive Pinu Azzopardi intavola mandat ta` sekwestru bin-numru 1287/16 kontra Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Silvia Zammit, liema mandat gie segwit b`kawza bin-numru 862/16 JPG.*

*4. Illi nhar is-17 ta` Ottubru, 2016 l-intimati pprezentaw talba ghar-revoka tal-mandat ta` sekwestru, a bazi tal-fatt li hekk stess kien hemm agir abbuziv min-naha ta` Philip Azzopardi, kif ukoll talbu ghall-hlas ta` penali a bazi li l-pretensjoni tal-istess Philip Azzopardi fiergha.*

*5. Illi nhar is-7 ta` Dicembru, 2016 inghata provvediment fir-rigward tal-mandat ta` sekwestru 926/2016JPG fejn il-Qorti laqghat l-ewwel talba tar-rikors revoka, ossia ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru 1287/16, u cahdet it-tieni talba, ossia l-hlas ta` penali.*

*6. Illi l-esponenti gie mcahhad minn dritt baziku tieghu li jikkawtela l-pozizzjoni tieghu u jissalvagwardja l-interessi tieghu billi jinhareg kontra l-intimati mandat li eventwalment ikun jista` jesegwixxi jekk jinghata sentenza favur tieghu. Illi l-intimati l-ewwel intavolaw mandat ta` inibizzjoni sabiex izommu lill-esponenti milli jiddisponi mill-massa ereditarja u mbaghad intavolaw kawza fejn attakkaw il-validita` tat-testment in dezamina. Illi konsegwentament l-esponenti fetah kawza minhabba l-fatt li qieghed jinkorri multa li dejjem tizdied minhabba l-agir tal-intimati.*

*7. Illi konsegwentament l-esponenti jinsab f`sitwazzjoni fejn irid jikkawtela l-pozizzjoni tieghu fil-kaz li jinghata sentenza favur tieghu, u jkun jista` jesegwixxi dannu li zgur huwa sancit mil-ligi minhabba l-fatt li t-taxxa mhux se tkun giet imhallsa u jkun hemm il-penali u interessi ta` tali inadempjenza.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u mghotija l-provvedimenti opportuni, joghgobha :-*

*I. Tiddikjara li l-hrug ta` mandat ta` sekwestru huwa necessarju sabiex ir-rikorrenti jikkawtela l-pozizzjoni tieghu kontra l-intimati, inter alia, ghal dak li jirrigwardja danni, multi u penali li jigu inkorsi peress li ma tistax tigi pubblika u mhallsa l-causa mortis ta` Salvatore Zammit (KI 159028M).*

*II. Tordna l-hrug ta` mandat ta` sekwestru sabiex l-esponent jikkawtela l-pozizzjoni tieghu.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fis-6 ta` Jannar 2017 li taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari r-rikors intavolat u d-domandi fih kontenuti huwa guridikament irregolari, u konsegwentement inattendibbli ai termini tal-artikolu 836(5) tal-Kodici ritwali.*

*2. Illi fil-mertu u ghall-istess motivi dedotti fl-ordinanza tal-Qorti li rrevokat il-Mandat kawtelatorju ta` Sekwestru Nru 1287/16 (ara* ***DOK. A****), galadarba l-esponenti ma kkommettew l-ebda att abbuziv biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, il-pretensjoni tar-rikorrent hi wahda ghal kollox fiergha.*

*3. Hekk ukoll hi intempestiva, jekk mhux ukoll pretestwuza, l-azzjoni odjerna billi l-esponenti ma kkawzaw l-ebda danni temerarji u ghaldaqstant ir-rikorrenti ma ghandu l-ebda jeddijiet x`jikkawtela.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Jannar 2017 fejn kien dikjarat mill-partijiet illi bhala prova tat-talbiet u tal-eccezzjonijiet kienu qeghdin joqghodu fuq l-atti processwali, u li ghalhekk ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2017 accettat il-qbil bejn il-partijiet illi tkun trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni illi hija pregudizzjali ghall-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li saru mid-difensuri fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2017.

Rat illi fl-istess udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Dritt

**Id-disposizzjoni tal-Kap 12 li abbazi taghha nghatat l-ewwel eccezzjoni hija l-Art 836(5) li tghid :-**

***Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni*** *minn digriet li jilqa` rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli ; u barra l-kaz kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bhal dak ma jista` jinhareg biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inhareg, kemm-il darba fir-rikors ghall-hrug ta` dak l-att kawtelatorju bhal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalghu cirkostanzi minn meta gie revokat l-att kawtelatorju ta` qabel, li jiggustifikaw il-hrug ta` att kawtelatorju gdid bhal dak li jkun gie revokat, u d-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu ghandhom, ma` dan, japplikaw ghal dak l-att kawtelatorju mahrug mill-gdid bis-sahha ta` dak ir-rikors.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

## III. Gurisprudenza

Din id-disposizzjoni kienet interpretata fis-sens illi ma hemmx appell minn digriet li jirrevoka mandat kawtelatorju.

Fis-sentenza li tat fl-14 ta` Jannar 2004 fil-kawza "**Mary Doris Venziani vs Emanuel Farrugia**" il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk :-

*Issa fil-kaz taht kunsiderazzjoni l-intimati appellati pprevalew ruhhom mid-dispost tas-subinciz (1) tal-Artikolu 836 u talbu b`success ir-*

*revoka tal-att kawtelatorju u cjoe` tal-mandat ta` inbizzjoni li nhareg fil-konfront taghhom. Fic-cirkostanzi allura, galadarba t-talba giet milqugha, din il-Qorti ma tarax kif jista` jirnexxi l-appell interpost in vista ta` dak kjarament espress fis-subinciz (5) ta` l-istess Artikolu 836 appena citat."*

Intqal ukoll li mhux biss ma hemmx appell minn digriet li jirrevoka mandat kawtelatorju, izda wkoll illi ai termini tal-istess disposizzjoni citata, ladarba mandat kawtelatorju jigi revokat, persuna ma tistax terga` titlob illi jinhareg mandat kawtelatorju iehor, sakemm ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalghu cirkostanzi miz-zmien meta kien revokat l-att kawtelatorju ta` qabel li jiggustifikaw il-hrug ta` att kawtelatorju gdid bhal dak li jkun gie revokat.

Dan gie spjegat fil-provvediment li tat din il-Qorti fit-2 ta` Dicembru 2014 (Rik. Nru. 125/2014) fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru 213/2014 fl-ismijiet :- "**Blue Rapid Incorporation vsa Elf Aquitaine**" fejn inghad :-

*Ghajr ghal aggustament fl-ammont li kien qed jigi kawtelat, l-esekutanti fil-procediment tal-lum ma gabet l-ebda raguni gdida sabiex issostni d-difiza taghha kontra t-talba tal-esekutata. Il-Qorti trid tghid illi ghalkemm il-"prova nieqsa" li din il-Qorti rreferiet ghaliha supra ma kenitx direttament rilevanti tenut kont tar-ragunament li ghamlet il-Qorti fil-provvediment taghha tas-6 ta` Dicembru 2013, ghal din il-Qorti setghet tfisser li fir-realta` seta` gara xi haga gdida wara s-6 ta` Dicembru 2013 li mmotiva lill-esekutanti biex tipprezenta l-mandat. Evidentement dan ma kienx il-kaz. Il-motivazzjoni tat-esekutanti ghall-presentata tal-mandat taht ezami ma kienet xejn gdida. Il-problematika kienet trattata kollha fil-procediment li kien deciz bilprovvediment tas-6 ta` Dicembru 2013. Ghalhekk skond l-Art 836(5) tal-Kap 12, il-provvediment ghandu jitqies finali u rrevokabbli fic-cirkostanzi tal-kaz. .....L-esekutanti ma kellhiex fatti godda biex tipprezenta mandat kwazi identiku (hlief ghall-aggustament tal-ammont) ghal dak li kien revokat u m`ghamlet l-ebda prova ta` fatti godda oltre dawk li kienu diga` rrizultaw fil-procediment li kien deciz fis-6 ta` Dicembru 2013.*

Dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Art 836(5) tal-Kap 12, inghataw diversi decizjonijiet.

In sostenn tal-istanza tieghu, ir-rikorrent qaghad fuq id-decizjoni li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-19 ta` Novembru 2001 fir-Rikors Nru. 2259/2000 AJM fl-atti tal-mandat ta` sekwestru numru 3507/00 fl-ismijiet "**Paul Tanti pro et noe vs Sammy Mifsud pro et noe**".

Fid-decizjoni *inter alia* nghad hekk :-

*Din il-Qorti kellha qabel xejn tidentifika x`kienet in-natura tad-digriet appellat. Ir-rikors promotur sar fit-termini ta` l-artikolu 836 tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili li jaghti l-fakolta` lil kull min jinhareg kontra tieghu mandat kawtelatorju, jitlob lill-Qorti l-hrug ta` l-opportun kontro-mandat f`certi determinati cirkostanzi. F`dan il-kaz il-mandat kawtelatorju kien wiehed ta` sekwestru.*

*Is-subinciz (5) ta` dak l-artikolu jipprovdi illi ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors maghmul ai termini tassubartikolu (1) ta` dak l-artikolu u dak id-digriet ikun finali u rrevokabbli. Qari ta` dan l-artikolu ma jhalli l-ebda dubbju fil-hsieb tal-Qorti illi fejn id-digriet ikun wiehed ta` cahda tar-rikors ghall-hrug ta` kontro-mandat, dan id-digriet seta` jkun soggett ghal appell u kontestazzjoni. Jidher pero` li l-artikolu 836 ma jispecifikax il-mod kif u meta se jsir appell u kontestazzjoni minn tali digriet ta` cahda. Hu mehtieg allura li jigi stabbilit x`kienet il-kwalita` tad-digriet taht ezami.*

*Il-gurisprudenza hekk tghallem fir-rigward. Fis-sentenza "__**Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine**__" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta` Gunju, 1988 f`kawza li l-mertu taghha kien jirrigwarda mandat ta` inibizzjoni, eminentement att kawtelatorju, dik il-Qorti hekk ikkonsidrat :-*

*"Hija gurisprudenza ta` dawn il-Qrati (vide Rikors ta` __**Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi**__ deciz mill-Qorti ta` l-Appell fl-10 ta` Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta` digrieti, cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta` digrieti hemm appell,ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m`huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta` appell dirett izda biss permezz ta` citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista` jkun hemm anke appell."*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi digrieti dwar mandati kawtelatorji bhalma huma dak ta` inibizzjoni u mandat ta` sekwestru, ma setghux jitqiesu definitivi "ghax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas ir-rabta lill-Gudikant, lanqas ma jista` jigi kunsidrat bhala interlokutorju. Lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju izda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li taghtu fuq talba b`citazzjoni ta` l-interessat meta fil-gudizzju diskrezzjonali taghha, l-Qorti tara raguni tajba biex tiggustifika r-revoka, salv lill-qorti fi grad ta` appell is-setgha li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-kaz ta` vjolazzjoni tal-ligi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raguni*

*ohra tajba skond il-ligi." (Vol.XXXVII.i.519, Vol. XXXVIII.i.336, Vol. XLVI.i.24).*

*Id-digriet taht ezami li minnu sar appell certament ma setax jitqies li kien digriet kamerali intiz biex ihares ir-regoli procedurali jew biex ahjar jirregola l-andament tal-proceduri. Lanqas jista` jitqies li kien digriet interlokutorju ghax dawn huma definiti bhala "i provvedimenti riguardanti l`istruzione della causa nella procedura, che soglionio chiamarsi "preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che chiamarsi "ordinatorie". (Vol. XXIII.i.623).*

*"Barra minn dawn id-digrieti (kamerali, interlokutorji u digrieti jew ahjar sentenzi definittivi), jezistu (kif inghad) digrieti ohrajn li la huma interlokutorji u lanqas definitivi u li l-legislatur ma pprovda xejn dwar kif ghandhom jigu impunjati. Pero`, skond il-prattika inveterata tat-Tribunali taghna, l-impunjazzjoni ta` dawn it-tipi ta` digrieti ssir permezz ta` citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, quddiem l-istess Qorti li tkun emanat id-digriet. Meta eventwalment dik il-kawza tigi deciza, is-sentenza tkun tista` tigi appellata b`appell ordinarju quddiem il-Qorti ta` l-Appell." ("**Professur John Mamo noe vs Edward Borg proprio et nomine**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta` Ottubru, 1991)*

*Din il-Qorti ma ghandha allura l-ebda dubbju illi sakemm gew fis-sehh lemendi estensivi ta` Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995, il-posizzjoni fir-rigward ta` appelli mix-xorta ta` digrieti taht ezami, setghet kienet u fil-fatt kienet biss permezz ta` procedura ordinarja ta` l-att tac-citazzjoni mill-kontradittorju tal-kontro-parti u minn sentenza fuq dik it-talba seta` jsir appell quddiem din il-Qorti.*

*Din il-Qorti trid issa tara jekk is-sitwazzjoni inbidlitx wara li gew fis-sehh l-emendi estensivi li saru ghall-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995. Id-disposizzjonijiet li jidhru rilevanti ghall-kaz huma l-artikolu 229 li jittratta dwar appelli minn digrieti u l-artikolu 836 li jitratta ghall-kontro-mandat wara li jkun inhareg att kawtelatorju.*

*Ezami akkurat ta` l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b`din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta` jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta` kull xorta u jiddetermina jekk setghax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f`dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta` jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-disposizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta` listess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta` dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju*

*(naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4),(5) u (6) huma lkoll marbutin mad-disposizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta` digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).*

*Stabbilit illi l-artikolu 229 ma kienx applikabbli ghall-kaz taht ezami, ilQorti tasal ghall-konkluzjoni illi seta` kien applikabbli biss l-artikolu 836. Konkluzjoni din imsahha in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li specifikatament jirregola l-mod kif seta` jigi kontestat digriet fir-rigward tal-hrug ta` kontro-mandat ta` att kawtelatorju. Dan l-artikolu, il-legislatur kien introducieh inter alia bhala kawtela dovuta kontra l-hrug ta` mandati kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f`cirkostanzi meta seta` jigi stabbilit illi d-debitur kellu bizzejjed x`jaghmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-diposizzjoni allura tipprovdi ghal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura tohrog il-kontro-mandat opportun. Il-legislatur ried ukoll jaccerta ruhu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa` fis-sehh, dik id-decizjoni li tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat kellha tibqa` fis-sehh, ma setghetx tigi b`xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz (5) hu dispost illi "ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors imsemmi fissubartikolu (1) ta` dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli ……..". Dan is-subinciz ifisser illi lanqas kien permess ghall-istess Qorti li tohrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni taghha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) ta` l-inciz 836.*

*Id-dicitura ta` dan is-subinciz jissugerixxi kif gia inghad pero` a contrario sensu illi setghu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad ittalba ghall-hrug ta` kontro-mandat u li allura ikun halla l-att kawtelatorju fis-sehh kontra d-debitur. Il-legislatur pero` illi dahal f`dettal kbir biex jirregola l-procedura fil-kaz fejn il-Qorti tilqa` talba ghar-revoka in toto jew in parte ta` mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta` kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-hrug ta` l-opportun kontro-mandat, naqas illi jipprovdi ghall-mod kif seta` jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad rikors tad-debitur ghall-hrug ta` kontro-mandat.*

*Una volta l-legislatur ghazel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk filkuntest ta` revizjoni generali tal-ligi procedurali maghmula bl-Att XXIV ta` l-1995, ma kienx lecitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-gurisprudenza kostanti taghha in materja li ddefiniet in-natura ta` digriet li jawtorizza l-hrug ta` mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw mutatis mutandis ukoll ghal digriet tal-hrug ta` kontro-mandat ta` l-istess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raguni ghaliex l-insenjament ta` dawn il-Qrati f`dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li ghadu fis-sehh billi l-ebda disposizzjoni ta` ligi li giet introdotta ma pprovdiet ghal din leventwalita`.*

*Konsegwentement il-posizzjoni tibqa` kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta` digrieti ma setghux jigu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setghu biss jigu appellati u kontestati permezz ta` att taccitazzjoni quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet bi dritt ta` appell lil din ilQorti una volta tinghata s-sentenza in prima istanza. F`dan ir-rigward tassumi wkoll rilevanza l-kelma "kontestazzjoni" uzata mil-legislatur fissubinciz (5) ta` l-artikolu 836."*

Ghalhekk il-Qorti laqghet l-eccezzjoni ta` l-irritwalita` tal-procedura sollevata mill-appellat, bil-konsegwenza illi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ta` l-appell.

Il-Qorti ta` l-Appell kellha wkoll okkazjoni fejn elaborat dwar din il-materja fid-decizjoni illi tat fit-8 ta` Mejju 2003 (Appell Civili Nru. 1224/2002/1) fl-Atti tal-Mandat ta` Sekwestru nru. 2119/2002 fl-ismijiet "**Josef Gatt vs Marisa Gatt**".

Dan kien appell minn provvediment ta` din il-Qorti tal-14 ta` Novembru 2002 fejn kienet michud ghar-revoka ta` sekwestru kawtelatorju.

Kienet eccepita n-nullita` tar-rikors ta` appell ai termini ta` l-Art. 229(1) u l-Art 836(5) tal-Kap 12.

Sar l-argument illi d-digriet in kwistjoni huwa wiehed kamerali u r-rimedji ghal cahda ta` tali talba huma tnejn : it-talba tista` tigi riproposta permezz ta` rikors gdid ; jew min-naha l-ohra l-istess digriet li jichad it-talba jista` jigi attakkat permezz tal-procedura tac-citazzjoni li kienet u ghadha l-procedura ordinarja li biha wiehed jagixxi fil-kontenzjuz in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun tat id-digriet.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Jibda biex jinghad li l-appellat m`ghandux ragun meta jikkontendi li d-digriet tal-Prim Awla tal-14 ta` Novembru, 2002 kien wiehed kamerali, u dan ghar-raguni ga moghtija aktar `l fuq f`din is-sentenza. Mill-banda l-ohra, kif kien osservat minn din il-Qorti – diversament komposta – fis-sentenza **Bonello v. Ellul** [Appell Kummercjali, 26 ta` Gunju 1987] citata mill-appellat, tradizjonalment jinghad li hemm tlett xorta ta` digrieti, cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li ghall-ewwel u ghat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta` appell quddiem il-*

*Qorti ta` l-Appell (**Bonello v. Ellul**, supra, Vol. LXXI p. 390; **Baldacchino v. Bellizzi**, 10/8/53, Vol. XXXVII.i.519). Dan l-insenjament, izda, irid illum jigi ezaminat fid-dawl tad-diversi emendi introdotti fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili fil-hmistax-il sena minn meta nghatat is-sentenza **Bonello v. Ellul**, u specjalment l-emendi introdotti bl-Att XXIV ta` l-1995. Iz-zewg disposizzjonijiet principali li ghandhom jigu kkunsidrati huma l-Artikolu 229 u l-Artikolu 836(5).*

*Fil-fehma ta` din il-Qorti ma hemmx dubbju li d-digriet appellat, cioe` dak tal-14 ta` Novembru, 2002, ma hux digriet interlokutorju. Dan id-digriet ma hu b`ebda mod intiz biex b`xi mod jirregola l-andamant tal-"kawza" li dik il-Qorti kellha quddiemha, f`dan il-kaz iz-zewg kawzi ta` separazzjoni personali bejn il-konjugi Gatt. Ghalhekk l-Artikolu 229 ma japplikax ghad-digriet in kwistjoni. Din kienet ukoll il-konkluzjoni milhuqa minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Paul Tanti pro. et noe. et v. Sammy Mifsud pro. et noe. et**. Jekk dan id-digriet ma hux interlokutorju, jista` jinghad li huwa wiehed definittiv? Biex digriet jinghad li huwa definittiv irid ikun tali li b`xi mod jidderimi ossia jtemm il-kontroversja bejn il-partijiet. Issa, apparti dak li jinghad fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 836, ma jistax jinghad li digriet li jichad jew jilqa` talba ghar-revoka ta` mandat kawtelatorju jtemm il-"kontroversja" bejn il-partijiet. Il-kontroversja hija dik migjuba fil-kawza proprja, f`dan il-kaz fiz-zewg kawzi ta` separazzjoni personali bejn il-konjugi Gatt, u l-mandat ta` sekwestru kawtelatorju huwa intiz biss biex jigu preservati flus jew hwejjeg ohra mobbli li minnhom ikun jista` jigi sodisfatt kreditu pretiz li jigi definit u determinat f`dawk ilkawzi. Ghalhekk id-digriet tal-14 ta` Novembru, 2002 ma jistax jinghad li huwa wiehed definittiv, u ghandu jitqies bhala wiehed minn dawk fit-tielet kategorija aktar `l fuq imsemmija. Issa, fil-kawza **Paul Tanti pro. et noe. et v. Sammy Mifsud pro. et noe. et** din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk dwar is-subartikolu (5) tal-Artikolu 836 :*

***Is-subinciz (5) [ta` l-Artikolu 836] jipprovdi illi ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors maghmul ai termini tas-subartikolu (1) ta` dak l-Artikolu u li dak id-digriet ikun finali u irrevokabbli. Qari ta` dan l-artikolu ma jhalli l-ebda dubbju fil-hsieb tal-Qorti illi fejn id-digriet ikun wiehed ta` cahda tar-rikors ghall-hrug ta` kontro-mandat, dan id-digriet seta` jkun soggett ghal appell u kontestazzjoni. Jidher, pero`, li l-Artikolu 836 ma jispecifikax il-mod kif u meta se jsir appell u kontestazzjoni minn tali digriet ta` cahda...Stabbilit illi l-Artikolu 229 ma kienx applikabbli ghall-kaz taht ezami, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi seta` kien applikabbli biss l-Artikolu 836. Konkluzjoni din imsahha in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li specifikatament jirregola l-mod kif seta` jigi kontestat digriet fir-rigward tal-hrug ta` kontro-mandat ta` att kawtelatorju. Dan l-artikolu l-legislatur kien introducih inter alia bhala kawtela dovuta kontra l-hrug ta` mandati***

***kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f`cirkostanzi meta seta` jigi stabbilit illi d-debitur kellu bizzejjed x`jaghmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-disposizzjoni allura tipprovdi ghal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura tohrog il-kontro-mandat opportun. Il-legislatur ried ukoll jaccerta ruhhu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa` fis-sehh, dik id-decizjoni li tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat kellha tibqa` fis-sehh [u] ma setghetx tigi b`xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz (5) hu dispost illi "ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali w irrevokabbli…". Dan is-subinciz ifisser illi lanqas ghall-istess Qorti li tohrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni taghha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) ta` [l-Artikolu] 836. Id-dicitura ta` dan is-subinciz jissuggerixxi kif gia inghad pero` a contrario sensu illi setghu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad it-talba ghall-hrug ta` kontro-mandat u li allura jkun halla l-att kawtelatorju fis-sehh kontra d-debitur. Il-legislatur, pero`, illi dahal f`dettal kbir biex jirregola l-procedura fil-kaz fejn il-Qorti tilqa` talba ghar-revoka in toto jew in parte ta` mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta` kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-hrug ta` l-opportun kontromandat, naqas li jipprovdi ghall-mod kif seta` jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad rikors tad-debitur ghall-hrug ta` kontro-mandat. Una volta l-legislatur ghazel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta` revizjoni generali tal-ligi procedurali maghmula bl-Att XXIV ta` l-1995, ma kienx lecitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-gurisprudenza kostanti taghha in materja li ddefiniet in-natura ta` digriet li jawtorizza l-hrug ta` mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw mutatis mutandis ukoll ghal digriet tal-hrug ta` kontro-mandat ta` listess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raguni ghaliex l-insenjament ta` dawn il-Qrati f`dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li ghadu fis-sehh billi l-ebda disposizzjoni ta` ligi li giet introdotta ma pprovdiet ghal din l-eventwalita`. Konsegwentement il-posizzjoni tibqa` kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta` digrieti ma setghux jigu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setghu biss jigu appellati u kontestati permezz ta` att ta` citazzjoni quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet, bi dritt ta` appell lil din il-Qorti una volta tinghata sentenza in prima istanza.***

*Din il-Qorti, kif issa komposta, taqbel perfettament ma` dan kollu. Fi kliem iehor, l-appellanti Gatt, biex tikkontesta d-digriet tal-14 ta` Novembru, 2002, ma setghetx tirrikorri direttament quddiem din il-Qorti, izda kellha tipprocedi per via ta` citazzjoni quddiem il-Prim Awla, u, se mai, tappella mill-eventwali decizjoni tal-Prim Awla quddiem din il-Qorti.*

Il-Qorti ghalhekk laqghet il-pregudizzjali sollevata mill-appellat, u ddikjarat l-appell irritu u null filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Hemm ukoll is-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-15 ta` Frar 2005 (Appell Civili Numru. 657/2004/1) fl-Atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1554/04 fl-ismijiet : "**Alexander Grech et v. Mamma Mia Company Limited et**"

Dan kien appell minn digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta` Ottubru 2004, fejn kienet michuda talba ghar-revoka ta' mandat ta` inibizzjoni.

Il-parti appellata eccepiet in-nullita' u l-irritwalita' tal-appell billi sostniet illi d-digriet tal-5 ta` Ottubru 2004 ma kienx appellabbli.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Kif din il-Qorti (diversament komposta) kellha okkazzjoni li tispjega fis-sentenza taghha tat-19 ta` Novembru, 2001, fl-ismijiet* ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy u Joseph ahwa Mifsud pro et noe,*** *"appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad rikors ghar-revoka ta` mandat kawtelatorji jistghu jsiru – is-subartikolu (5) ta` l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 jaghmel divjet ta` "appell u kontestazzjoni" biss fil-konfront ta` digriet li jilqa` talba ghar-revoka ta` mandat kawtelatorju – izda tali "appell u kontestazzjoni" ma jsirux permezz ta` rikors ta` appell direttament lil din il-Qorti, bhalma sar fil-kaz odjern, izda "permezz ta` att ta` citazzjoni quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet, bi dritt ta` appell lil din il-Qorti una volta tinghata s-sentenza in prima istanza." Din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddipartixxi minn dana l-insenjament.*

Il-Qorti ghalhekk iddikjarat l-appell irritu u null.

Fil-procediment fl-ismijiet "**Howard Stanley Kreiss vs Patrick Zrinzo**" din il-Qorti (**PA/JRM**) ittrattat talba ghat-thassir *contrario imperio* ta' digriet taghha tad-19 ta` Awissu 2008 fejn kienet michuda talba tar-rikorrent ezekutat taht l-Art 836 tal-Kap 12 biex jithassar mandat ta` inibizzjoni li kien milqugh provvizorjament fl-14 ta` Awissu 2008, u b`mod definittiv fid-19 ta` Awissu 2008.

F`dan il-kaz, il-Qorti dehrilha xieraq qabel kull haga ohra, li tistharreg kwestjoni procedurali ta` siwi ewlieni stante li s-siwi ta` att gudizzjarju huwa wiehed ta` ordni pubbliku u jista` jitqanqal minn qorti wkoll ex ufficio.

Inghad hekk :-

*Illi ghalkemm ir-rikors imressaq mill-ezekutat Zrinzo issemma bhala wiehed ta` revoka, fis-sewwa jrid jinghad li huwa talba biex din il-Qorti thassar contrario imperio digriet li naqas li jilqa` talba ghal thassir ta` Mandat kawtelatorju (fi kliem iehor, huwa provvediment li zamm fis-sehh dak il-Mandat kawtelatorju) ;*

*Illi m`hemm l-ebda dubju li d-decizjoni ta` Qorti li tilqa` jew tichad talba ghall-hrug ta` Mandat kawtelatorju hija degriet u mhux sentenza. Hemm zewg ghamliet ta` proceduri mahsuba ghal min irid jattakka degriet b`appell. Dawn il-proceduri jiddependu minn jekk id-degriet huwiex wiehed kamerali (Art. 173 tal-Kap 12), jew interlokutorju (Art. 229 tal-Kap 12). Il-ligi taghmilha cara li d-degriet interlokutorju ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu, u tista` tibdlu contrario imperio jekk kemm-il darba tingieb raguni tajba biex twassal lill-Qorti li tkun tatu li titbieghed minnu (Art. 230 tal-Kap 12). Fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-ligi tippreskrivi wkoll l-att li bih tali appell jew kontestazzjoni tista` ssir: f`tal-ewwel, l-att huwa r-Rikors Mahluf, f`tat-tieni r-Rikors. B`zieda ma` dan ghandu jinghad ukoll li l-artikolu 161(1) tal-Kap 12 jistabilixxi li l-procedura ordinarja fi procedimenti quddiem din il-Qorti hija r-Rikors Mahluf. Ta` min isemmi wkoll f`dan il-waqt dak li jipprovdi l-artikolu 164(1) tal-Kap 12, dwar x`jigri meta kawza li jmissha tingieb b`Rikors Mahluf tingieb minflok b`rikors ;*

*Illi l-procedura biex wiehed jattakka jew jibdel degriet li jkun laqa` talba ghall-hrug ta` Mandat m`hijiex wahda li bdiet tintuza issa jew f`dawn l-ahhar snin: hemm sensiela ta` kazijiet fejn il-Qrati taghna qiesu talbiet bhal dawn u, partikolarment, l-ghamla ta` procedura mehtiega. Kemm hu hekk, tqies li digriet li bih Qorti tkun laqghet talba ghall-hrug ta` Mandat kawtelatorju m`huwiex la wiehed definittiv u lanqas wiehed interlokutorju, ukoll jekk jinghata wara li l-Qorti tkun semghet lill-partijiet (Ara App. Civ. 10.8.1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***Baldacchino et vs Bellizzi*** *(Kollez. Vol: XXXVII.i.519) ). Degriet bhal dak ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas jorbot lill-gudikant, u lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju, imma jaghmel biss parti mill-atti tal-Mandat relattiv, u mhux parti mill-atti tal-kawza, imma jezawrixxi ruhu bil-hrug tieghu ;*

*Illi, ghalhekk, ladarba mhux degriet interlokutorju, ma jistax isir appell minnu quddiem il-Qorti tal-Appell (App. Civ. 8.2.1946 fil-kawza fl-ismijiet* ***Borg vs Chetcuti et noe*** *(Kollez. Vol: XXXII.i.340). Dan iwassal ghall-konkluzjoni li, fejn rimedju huwa moghti, d-degriet li jilqa` talba ghall-hrug ta` Mandat jista` jithassar biss mill-istess Qorti li tkun tatu, fuq talba li*

*ssirilha b`Rikors Mahluf wara li tqis jekk hemmx raguni tajba biex thassar jew tibdel digriet bhal dak (Ara App. Kumm. 26.6.1987 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Bonello noe vs Emanuel Ellul noe*** *u l-ghadd ta` decizjonijiet imsemmijin fiha) ;*

*Illi ghalhekk, f`kazijiet fejn ma japplikawx l-estremi tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 (bhal f`dan il-kaz, ghaliex l-artikolu 836(5) jghodd biss f`cirkostanzi fejn it-talba ghat-thassir ta` Mandat tkun intlaqghet), it-tifsira li jidher li ghandha tinghata ghal min irid jattakka digriet li bih jinhareg Mandat kawtelatorju hi li dan ghandu jressaq talba permezz ta` Rikors Mahluf (App. Civ. 8.5.2003 fil-kawza fl-ismijiet* ***Josef Gatt vs Marisa Gatt****). Billi l-procedura specjali sommarja mfissra fl-imsemmi artikolu 836 tapplika biss ghac-cirkostanzi specifici hemm imsemmija, ma jistax jinghad li din warrbet rimedju li kien jezisti qabel ghat-talba ta` thassir ta` degriet bhal dak ghal ragunijiet li ma gewx inkorporati f`dik il-procedura sommarja ;*

*Illi minhabba li l-att li bih l-ezekutat Zrinzo beda din il-procedura huwa r-Rikors semplici, jsegwi li dak l-att huwa milqut minn nullita` formali radikali li ma tistax tissewwa b`xi mod iehor mahsub mil-ligi procedurali ghaliex taqa` taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(c) tal-Kodici Procedurali.*

Ghalhekk il-Qorti sabet li l-procedura tentata mill-ezekutat ma kenitx tiswa ghaliex kienet milquta minn nullita` formali.

Fid-decizjoni illi tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Mejju 2016 fil-kaz "**Mary sive Marielle Cassar v. Edward Cassar**" kien trattat punt procedurali li sollevat mill-attrici fis-sens li, tenut kont li d-digriet appellat la huwa definittiv u lanqas huwa interlokutorju, ma kienx hemm appell dirett minnu.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Fl-ewwel lok din il-Qorti tissenjala li jirrizulta car li d-digriet appellat m`huwiex wiehed minn dawk indikati fis-sub-incizi 1 u 2 tal-Artikolu 229 u ghalhekk dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk jinkwadrax fid-dispost tas-sub-inciz 3 tal-istess artikolu. Dan is-sub-inciz huwa ta` natura residwali u japplika ghal kull "digriet interlokutorju iehor" li jinghata fil-kors tal-proceduri u li ma jaqax taht is-sub-incizi 1 u 2.*

*Dwar il-materja li titratta l-appellabbilita` ta` digrieti moghtija fil-kors ta` proceduri hija relevanti s-segwenti osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza* ***Paul Tanti et v. Sammy Mifsud*** *(Nr. 2259/200, deciza 19 Novembru 2001 – F`dan il-kaz li kien jirrigwarda l-Artikolu 229 b`referenza*

*ghall-Artikolu 836 tal-Kap. 12 din il-Qorti ezaminat l-import guridiku tal-emendi introdotti fil-Kap. 12 bl-Att XXIV/1995) :*

*"Ezami akkurat ta` l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b`din iddisposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta` jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta` kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f`dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta` jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta` listess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta` dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami ; l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta` digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).*

*Fil-kaz odjern, ghalkemm id-digriet provvizorju appellat jista` jitqies bhala ancillari ghall-gudizzju, ma jistax jitqies bhala wiehed interlokutorju peress li m`huwiex intiz sabiex jirregola l-andament tal- proceduri; wisq anqas jista` jigi meqjus bhala digriet definittiv peress li minnu nnifsu hu ta` natura provvizorja intiz sabiex jirregola temporanjament is-sitwazzjoni fil-meritu bejn il-partijiet sakemm tinghata s-sentenza finali. Ghaldaqstant ma jistax jitqies bhala li jinkwadra fl-imsemmi sub-inciz 3.*

*In vista tal-premess il-punt sollevat mill-attrici jirrizulta fondat fil-fatt u fid-dritt u l-appell odjern huwa null. F`dawn ic-cirkostanzi mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli tiehu konjizzjoni tal-aggravji sollevati mill-konvenut."*

## IV. **<u>Risultanzi</u>**

Il-konvenuti kienu pprezentaw r-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni bin-nru. 155/11 JZM kontra l-attur.

L-attur kien inibit milli jkollu access ghall-assi ereditarji tad-decujus Salvatore Zammit.

Kien ipprezentat Rik. Gur. Nru. 55/2011 JA fejn il-konvenuti qeghda jattakkaw il-validita` ta` t-testment.

Sabiex jikkawtela ruhu, l-attur ipprezenta mandat ta` sekwestru kawtelatorju bin-nru. 1287/16 kontra l-konvenuti, li kien segwit bil-presentata ta' Rik. Gur. Nru. 862/16 JPG.

Il-konvenuti pprezentaw talba ghar-revoka tal-mandat ta` sekwestru. Talbu wkoll il-hlas ta` penali kontra l-attur.

Fis-7 ta` Dicembru 2016, il-Qorti tat provvediment fejn laqghet it-talba ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru 1287/16 u cahdet it-talba ghall-hlas tal-penali.

L-attur qed jikkontendi illi kien imcahhad mid-dritt illi jikkawtela l-pozizzjoni tieghu u li jhares l-interessi tieghu bil-hrug ta` mandat fil-kaz illi jkun hemm sentenza favur tieghu.

Ghalhekk l-attur mexxa bil-procediment tal-lum sabiex jigi dikjarat li l-hrug ta` mandat ta` sekwestru huwa necessarju sabiex jikkawtela l-pozizzjoni tieghu kontra l-konvenuti, u sabiex jigi ordnat il-hrug ta` mandat ta` sekwestru.

In vista ta` dak illi jghid l-Art 836(5) l-attur ma pprezentax appell mill-provvediment fejn kien revokat il-mandat.

Minflok l-attur ghazel il-procediment tal-lum ghaliex jikkontendi illi l-ligi tippermetti li jiddeduci t-talbiet li ghamilhom.

L-argument tal-attur huwa illi ghandu dritt mhux li jintavola appell izda dritt li jipprezenta kawza sabiex jipprotegi l-interessi tieghu.

Saret insistenza mill-attur li ghandu jedd jaghmel kawza meta d-digriet tar-revoka la jkun wiehed kamerali u lanqas wiehed intelokutorju. L-interpretazzjoni li qed jaghti l-attur ghal din ix-xorta hija li kontra dan it-tip ta` digriet ma jistax jigi ntavolat rikors tal-appell stante li huwa digriet finali, izda l-attur jikkontendi illi d-disposizzjoni ma zzommux milli jaghmel azzjoni *ad hoc* fejn jitlob il-hrug ta' mandat kawtelatorju gdid.

**Ghal din il-Qorti, l-Art 836(5) tal-Kap 12 huwa car bizzejjed biex jitfisser illi meta tkun milqugha talba ghar-revoka ta` mandat kawterlatorju (bhalma kien il-kaz tal-lum), dak id-digriet ikun finali u irrevokabbli. Mhux biss ma jistax isir appell minnu izda lanqas jista` jkun soggett ta` *__kontestazzjoni__*. Il-legislatur ghamel ghazla cara : bil-provvediment ghandha tieqaf kull kwistjoni dwar il-mandat.**

Dan il-hsieb huwa in linea ma` dak illi ried il-legislatur illi ma jippermettix il-presentata ta` mandat kawtelatorju identiku ghal dak li jkun gie revokat, hlief meta jkun hemm bdil fic-cirkostanzi (ara : "**__Blue Rapid Incorporation vsa Elf Aquitaine__**" ; op. cit.)

Ghal din il-Qorti l-azzjoni odjerna tmur kontra dak stipulat fl-Art 836(5) tal-Kap 12. Bl-azzjoni tal-lum l-attur qieghed *jikkontesta* d-digriet li bih kienet milqugha r-revoka tal-mandat ta` sekwestru bin-nru. 1287/2016, haga li l-ligi ma tippermettilux illi jaghmel.

**__Decide__**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad it-talbiet attrici.**

**Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**